StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** ______________

**<u>Taqsima A</u>** **(30 marka)**

<u>Wieġeb f'sentenza sħiħa.</u>

1. Semmi żewġ ġrajjiet mill-ħajja ta' Abraham li juru biċ-ċar il-fiduċja li hu kellu f'Alla.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Għaliex il-Bibbja għandha sservi ta' gwida għan-Nisrani?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Il-kmandamenti jagħtuna jew jeħdulna l-libertà? Għid għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Xi tfisser il-kelma 'inkarnazzjoni'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Liema ġrajja timmarka l-bidu tal-Knisja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Għaliex il-Knisja tissejjaħ ‘il-Ġisem ta’ Kristu’?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Liema huma ż-żewġ taqsimiet ewlenin tal-quddiesa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Liema hu l-aktar mument importanti tal-quddiesa? Għid għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. Kif għandu n-Nisrani jagħti s-sehem tiegħu fl-attività politika?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Għid għaliex in-Nisrani ma jistax jemmen fl-oroskopju jew fil-*medium*.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

11. Għid x`nifhmu b'Ekumeniżmu billi tagħżel it-tweġiba t-tajba:
    (a) moviment favur il-ħajja.
    (b) moviment favur ekonomija ġusta.
    (ċ) moviment għall-għaqda fost l-Insara.

12. "Qatt iżjed ma deher f'Iżrael profeta bħal Mosè" *(Dewt.34,10).* Għaliex Mosè hu figura daqshekk importanti fl-istorja tas-Salvazzjoni?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

13. Fil-ġrajja tal-ħolqien, b'liema mod Alla wera li għamel 'il-bniedem il-quċċata tal-ħolqien?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

14. Lil min qal Alla li Hu Jaħweh?

________________________________________________________________

**Taqsima B** **(20 marka)**

Aqra s-silta u wieġeb.

"U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: 'Tassew li Alla qalilkom biex ma tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?' U l-mara wieġbet lis-serp: 'Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma l-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna, 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu'. U s-serp qal lill-mara: 'Le, żgur li ma tmutux'.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. B'liema stil ta' kitba hi miktuba?

3. Għaliex l-awtur jinqeda bis-serp?

4. X'kien il-kmand li Alla ta lill-ewwel bnedmin?

5. X'kien id-dnub tal-ewwel bnedmin?

6. X'kienu l-konsegwenzi tal-firda tal-bniedem minn ma' Alla?

7. X'taħseb li huma d-dnubiet l-aktar gravi ta' żmienna?

8. X'hemm komuni bejn id-dnubiet tagħna u d-dnub tal-ewwel bnedmin?

9. Agħti eżempju u fisser kif fi żmienna d-dnub jifridna mill-ħolqien.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

10. X'wiegħed Alla lill-bniedem biex isalvah minn dan id-dnub?

**<u>Taqsima Ċ</u>**

<u>Fisser dawn il-kelmiet/frażijiet.</u> **(10 marki)**

1. Fanatiżmu

2. Superstizzjoni

3. Il-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa

4. Reliġjon monoteista

5. Ċelibat

6. Infallibiltà

7. Rikonċiljazzjoni

8. Ġid komuni

9. Solidarjetà

10. Ispirazzjoni

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **(20 ma**

Wieġeb din il-mistoqsija

Alla jimxi mal-bniedem 'skont il-kobor tal-ħniena Tiegħu'. *(Salm51)*

(a) Irrakkonta żewġ parabboli ta' Ġesù li juru l-ħniena ta' Alla.
(b) Irrakkonta żewġ ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li juru l-ħniena tiegħu ma' min kien jeħtieġ xi għajnuna.
(ċ) Minn dawn il-parabboli u l-ġrajjiet li semmejt, x'taħseb li qed jistenna Ġesù minnek meta tidneb?

**Taqsima E** **(20 marka)**

Wieġeb fit-tul **waħda** minn dawn il-mistoqsijiet.

1. L-Ewkaristija hija sagrifiċċju u sagrament li bih tissaħħaħ il-ħajja spiritwali.

(a) Irrakkonta x'ġara fl-aħħar ikla li Ġesù għamel mal-appostli qabel ma miet.
(b) X'rabta hemm bejn din l-ikla li għamel Ġesù mal-ikla tal-ħaruf tal-Għid li l-Lhud kienu obbligati jiċċelebraw?
(ċ) X'nifhmu aħna l-Insara meta ngħidu li Ġesù huwa preżenti fl-Ewkaristija u kif nuru rispett lejn l-Ewkaristija?

***JEW***

2. Il-Bibbja: l-isbaħ ktieb li qatt inkiteb.

(a) Irrakkonta kif Alla ħeles lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu permezz ta' Mosè.
(b) Meta ngħidu li l-Bibbja ma fihiex żbalji, dwar liema żbalji qed nitkellmu?
(ċ) Liema personaġġ jolqtok l-aktar fit-Testment il-Qadim? Agħti tagħrif fil-qosor dwaru.

***JEW***

3. Il-Knisja: ħafna membri, doni u ħidmiet.

(a) X'nifhmu aħna l-Insara meta nsejħu l-Knisja 'il-familja t'Alla'?
(b) Semmi u ikteb dwar żewġ ħidmiet importanti li għandhom is-saċerdoti fil-Knisja.
(ċ) Ikteb dwar tliet modi kif iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu sehem fil-Knisja f'Malta jew barra minn Malta.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers